# SIP STQARRIJA KONĠUNTA DWAR L-UĠIGĦ U S-SAĦĦA MENTALI

L-istqarrija konġunta tas-SIP tippreżenta l-pożizzjoni komuni li jaqblu magħha għadd ta’ orgniżazjonijiet dwar l-uġigħ u s-saħħa mentali. L-Istqarrija tiddeskrivi r-rakomadazzjonijiet prinċipali li għandhom jittieħdu minn dawk li jfasslu l-politika, kemm fuq livell Ewropew, kif ukoll fuq livell nazzjonali biex jippromwovu azzjoni u bidla f’dan il-qasam.





## *Ir-Relazzjoni mill-Qrib Bejn l-Uġigħ u s-Saħħa Mentali*

Il-kundizzjonijiet tas-**saħħa mentali** u dawk ta’ **uġigħ kroniku** ħafna drabi **jseħħu flimkien** minħabba li jużaw l-istess makkaniżmu newroloġiku u fatturi tar-riskju bħal żvantaġġ soċjali. Ma’ dana kollu, l-uġigħ ma jiġiex ivvalutat jew indirizzat normalment f’dawk il-persuni li jbagħtu minn problemi ta’ saħħa mentali, u b’hekk jista jibqa moħbi minħabba n-natura tal-mard mentali.

## *L-Uġigħ u s-Saħħa Mentali huma it-Tnejn Esperjenzi Biopsikosoċjali*

**L-uġigħ kroniku** u **s-saħħa mentali** huma e**sperjenzi biopsikosoċjali**, jinvolvu l-aspett bioloġiku, psikoloġiku, u fatturi soċjali. Għal-immaniġjar effettiv, irid ikun hemm evalwazzjoni biopsikosocjali u aċċess kmieni għal kura integrata **multidixxiplinarja**.

## *Dak li jorbot flimkien l-Uġigħ, il-kundizzjonijet ta’ Saħħa Mentali u x-Xogħol*

Persuni bl-uġigħ u b’kundizzjonijiet ta’ saħħa mentali għandhom inqas ċans li jaħdmu full-time u jirrappurtaw rati ogħola ta’ **assentejiżmu** u **preżentajiżmu**. Fl-Ewropa, l-**uġigħ marbut mal-muskoli u l-għadam** jikkawża 50% ta’ assenza mix-xogħol minħabba mard u 60% ta’ diżabilita’ permanenti.

## L-Integrazzjoni tal-Uġigħ fil-Politika tas-Saħħa Mentali

**L-uġigħ** ħafna drabi **ma jingħatax attenzjoni biżżejjed** f’persuni bi problemi ta’ saħħa mentali, u l-komunikazzjoni tista’ tiġi mfixxkla. Hu kruċjali li l-uġigħ ikun identifikat u mmaniġjat għal prevenzjoni u trattament immedjat. L-integrazzjoni tal-**evalwazzjoni tal-uġigħ** fil-pjani ta’ kura għas-saħħa mentali u l-promozzjoni għal ekwita’ fl-aċċess hi kruċjali għal riżultati aħjar.

# RAKOMANDAZZJONIJIET PRINĊIPALI:

1. **Evalwa** l-effett tal-uġigħ f'persuni b'kundizzjonijiet bħad-dipressjoni, psikożi, u użu ta' sustanzi.

2. **Integrazzjoni** tas-servizzi tas-saħħa tal-uġigħ u s-saħħa mentali minflok ikunu trattati separatament.

3. **Allokazoni ta' fondi** għar-riċeraka dwar dak li hu **komuni bejn is-saħħa mentali** u **l-uġigħ**.

4. Ikun provdut **aċċess bikri** għal programmi ta' immaniġjar tal-uġigħ biex **wieħed jipprevjeni** uġigħ kroniku u kundizzjonijiet ta' saħħa mentali relatati.

5. **Taħriġ għal-professjonisti tal-kura tas-saħħa** dwar ir-relazzjoni bidirezzjonali bejn **l-uġigħ** u **s-saħħa mentali**.

6. **I**nvolvi individwi b'esperjenza personali b'kundizzjonijiet ta' **uġigħ** fl-iżvilupp **ta' servizzi ta' kura intergrati.**

7. Ippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin biex ittejjeb il-benesseri u tappoġġja r-rintegrazzjoni għal dawk li għandhom **uġigħ** jew **kundizzjonijiet tas-saħħa mentali**.

8. Indirizza fatturi **bijoloġiċi, psikoloġiċi** u **soċjali ta' uġigħ fil-politika tas-saħħa mentali.**

9. Appoġġ għal **bidla kulturali** biex **titnaqqas l-istigma** dwar **is-saħħa mentali** u **l-uġigħ b'kampanji ta' għarfien** għal-dawk li jiprovdu kura tas-saħħa u għal-pubbliku.